# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

---

**Illum 24 ta' Ġunju 2021**

Appell numru 17/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Ali Mohammed Ali ALTUROUQ**

Il-Qorti rat is-segwenti :

### A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Jannar 2021 fil-konfront ta' Ali Mohammed Ali ALTUROUQ (detentur tal-karta tar-residenza bin-numru 139146A) li ġie mixli talli fit-13 ta' Awissu 2020 u jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur qabel din id-data ġewwa il-Gżejjer:

   i. Meta kellu fil-pussess tiegħu dokument maħruġ mill-awtorita' kompetenti, li hu dokument tal-ivvjaġġjar u permess tar-residenza Maltija, maħruġa fuq Asraa Salim Aemmaar Alyousufi, trasferixxa d-dokumenti lil persuna oħra ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, seraq dokumenti personali li huma Passaport u Permess tar-Residenza, it-tnejn maħruġa fuq isem Asraa Salim Aemmaar Alyousudi liema serq hu aggravat bil-lok peress li sar minn dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha u dan għamlu ai termini tal-Artikolu 269 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ma sabitx lill-imputat appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minn kull imputazzjoni u ħtija.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza fejn talab lill-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u lliberatu minnha u tħassarha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-istess ħati tat-tieni imputazzjoni u minflok issibu ħati tagħha u tinfliġġi l-piena ekwa u ġusta skont il-Liġi u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint): -

i. In linea preliminari, dan l-appell jirrigwarda l-liberatorja tal-appellat mit-tieni imputazzjoni biss li tirrigwarda s-serq. L-appell tal-Avukat Ġenerali huwa bbażat fuq l-apprezzament ta' provi żbaljat li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Il-parte leża ma ġietx prodotta mhux għax kif qalet il-Qorti *tilfet kull interess li tagħmel dan* iżda għax kienet imwerwra minn l-appellat peress li kixfitu mal-Pulizija. Mill-istqarrija tal-appellat huwa evidenti li Nezha kienet mifthiemha mal-appellat sabiex tgħid li kienet hi dik li serqet il-passaport mill-vettura tal-appellat. Kemm -il darba l-Qorti tal-Maġistrati ma emintx li l-appellat kien l-awtur tas-serqa in kwistjoni iżda kienet konvinta li huwa għin lil Nezha biex titlaq minn Malta bil-passaport ta' terza persuna allura xorta waħda kellha ssib lill-appellat ħati ta' kompliċita' tas-serq tal-passaport mertu ta' dawn il-proċeduri.

ii. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet żbaljata wkoll meta qieset li Doghmi Nezha kienet qiegħda tiskonta sentenza separata ta' priġunerija wara li ġiet misjuba ħatja li serqet u għamlet użu mid-dokument ta' identita' in kwistjoni. Għalkemm huwa minnu li hija ġiet issentenzjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'każ separat nhar il-25 ta' Settembru 2020, hija ma kinitx mixlija b'serq ta' passaport f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant mhux minnu li hija ammettiet is-serq ta' dan il-passaport b'mod tali allura li neħħiet il-ħtija minn fuq l-appellat. Fl-umli opinjoni tal-Avukat Ġenerali xorta waħda jeżistu provi indizzjarji li jixħtu ħtija fuq l-appellat dwar is-serqa ta' dan il-passaport.

iii. Mill-provi jirriżulta li l-appellat seraq il-passaport tal-parte leża mir-residenza tagħhom u mhux li dan il-passaport insteraq minn ġewwa l-vettura tiegħu. Mix-xhieda ta' Doghmi Nezha huwa evidenti li l-appellat kien jaf li kienu sejrin isiefru flimkien. Kien jaf ukoll li Nezha kienet hawn Malta mingħajr passaport u li kemm -il darba kellhom isiefru flimkien allura hija kellha bżonn passaport.

iv. Minn tali xhieda inkonsistenti u rapport li daħal l-Għassa tal-Ħamrun huwa ċar li l-appellat kien dak li seraq il-passaport ta' martu minn ġewwa r-residenza tagħha biex tagħmel użu minnu l-ħabiba tiegħu Nezha b'dan illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha fiċ-ċirkostanzi ssibu ħati taħt it-tieni imputazzjoni ta' serq tad-dokumenti ta' Asraa Salim Aemmaar Alyousufi.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-**

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

---

**Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe **l-Law of Evidence**.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista’ tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta’ prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being “sure”, in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta’ prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti

---

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-

xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

**L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**[9]

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[10]

22. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza

[9] Emfasi ta' din il-Qorti.
[10] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet

suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma).

Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar-

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

26. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

27. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

29. Illi mill-NPS Report eżebit a fol 5 jirriżulta li nhar it-13 ta' Awissu 2020 għall-ħabta tal-14:25, Asraa Salim Aemmaar Alyousufi irraportat ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun li ftit tal-ħin qabel hija kellha argument ta' żewġha Ali Mohammed Ali Alturouq ġewwa r-residenza li hi kienet tirrisjedi fiha flimkien miegħu fl-indirizz Rooibos, Flat 4 Triq

ls-Serkin, Marsa. Hija qalet li dak il-ħin ALTUROUQ ħa d-dokumenti tagħha nkluż il-passaport tagħha minn ġewwa r-residenza tagħhom sabiex jagħmel użu minnhom għal persuna oħra. Asraa rraportat kif hu kien ħa miegħu wkoll lil bintu u qallha li kien sejjer joħodha l-bandli iżda ftit wara hija ġiet infurmata li kien ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta flimkien ma' bintu sabiex isiefer 'il barra minn Malta. Jirriżulta li l-appellat kien irnexxilu jsiefer 'il barra minn Malta lejn il-Belġu flimkien mal-ħabiba tiegħu Nezha u bintu u kien ġie interċettat f'lukanda Antwer, fil-Belġju.

30. ALTUROUQ ġie kkuntatjat mill-Pulizija fejn hu ġie mitlub jirraporta l-Għassa tal-Ħamrun fejn hu stqarr li kien jinsab ġewwa Ħal Qormi u li kien ġej l-Għassa. Asraa infurmat lill-Pulizija li hija kienet għadha flimkien ma' żewġha u li għalhekk ma kien hemm ebda arranġamenti ta' kura u kustodja tal-minuri u li tali kura u kustodja kienet vestita fit-tnejn li huma.

31. Asraa ppruvat tiġi kkuntatjata mill-Pulizija tal-Għassa tal-Ajruport iżda hija qatgħet il-linja u ma rieditx titkellem magħhom. Nhar it-8 ta' Settembru 2020 Ali Mohammed Ali ALTUROUQ, wara li kien miġjub Malta permezz ta' Mandat ta' Arrest Ewropew, ġie interrogat mill-Pulizija b'rabta ma' dan l-inċident fejn huwa għażel li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma jirrilaxxa l-istqarrija. Huwa rrilaxxja stqarrija għal ħabta tal-11.30 u tressaq il-Qorti b'arrest nhar id-9 ta' Settembru fi proċeduri li ġew istitwiti kontra tiegħu b'rabta ma' dan l-inċident.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellat ħati tat-tieni imputazzjoni mertu tal-aggravju tal-Avukat Ġenerali liema aggravju jitratta l-apprezzament żbaljat ta' provi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).**

32. L-Avukat Ġenerali jilmenta mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tillibera lill-imputat appellat mit-tieni imputazzjoni u ċjoe' tas-serq tal-passport tal-mara tiegħu Asraa Salim Aemmarr Alyousufi u dan għaliex skont hu mill-provi kien jirriżulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellat ALTUROUQ kien l-awtur tas-serqa in kwistjoni jew li tal-inqas kien miftiehem ma' Doghmi Nehza sabiex jinsteraq dan il-passaport u jsiefru minn Malta b'mod tali allura li rrenda ruħħu b'kompliċi tagħha.

33. B'differenza ta' każijiet oħra fejn id-derubat jitla' jixhed u għalhekk jagħti dawk id-dettalji li jkollhom x'jaqsmu mas-serq tal-oġġett in kwistjoni, f'dan il-każ, id-derubata ma xehditx f'dawn il-proċeduri. Hija rrilaxxjat biss dikjarazzjoni mal-Pulizija li tinsab a foljo 33 tal-atti proċesswali, liema dikjarazzjoni l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) korrettament għażlet illi tiskarta u dan in linea mad-dettami tal-Artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni fl-ebda ħin ma jidher li tat xi spjegazzjoni lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar kif xhud ewlieni għall-każ tagħha ma kienetx sejra tixhed f'dawn il-proċeduri. Imbagħad meta fis-seduta tal-1 t' Ottubru 2020 id-Difiża tal-appellat oġġezzjonat għad-dikjarazzjoni preżentata mill-Prosekuzzjoni, din tal-aħħar minflok għamlet is-sottomissjonijiet tagħha f'dan ir-rigward, irrimettiet ruħha. B'hekk din il-Qorti lanqas ma tista' tirrileva jekk kienetx tissussisti xi waħda minn

dawk is-sitwazzjonijiet li jikkontempla l-proviso tal-Artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod tali allura li tkun tista' tippermetti l-qari ta' dik id-dikjarazzjoni fl-assenza tax-xhud.

34. F'dan l-isfond probatorju, il-Qorti trid bilfors tiżhen jekk jeżistux provi indizzjarji univoċi li lkoll jippuntaw għal dik l-unika ipoteżi ipprospettata mill-Avukat Ġenerali u ċjoe' li kien l-appellat stess li seraq dan il-passaport jew li tal-inqas aġixxa b'kompliċita' mas-sieħba tiegħu Doghmi Nezha fl-organizzazzjoni ta' dak il-pjan li beda mis-serq tal-passaport ta' Asraa Salim Aemmaar Alyousufi u wassal għat-tluq tagħhom minn Malta bl-użu tiegħu. Iżda, kif diġa ssoffermat iktar 'il fuq din il-Qorti, mhux kull prova indizzjarja hija tali li twassal għall-kolpevolezza ta' dak li jkun. Tali prova trid tkun waħda sikura b'mod li teskludi xenarji oħra bħal per eżempju li l-passaport in kwistjoni kien tassew misruq minn Doghmi Nehza mill-vettura tal-appellat mingħajr huwa ma kien hekk induna b'li kienet għamlet. In oltre, prova ċirkostanzjali ma tistax tiġi meqjusa singolarment iżda trid tittieħed fl-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li jippreżenta l-każ in kwistjoni. U dan il-punt kien ampjament ribadit mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** deċiż nhar it-8 ta' Mejju 2014 fejn intqal is-segwenti : -

> **Biex wieħed jistabilixxi jekk l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova**[11] u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

35. Il-Kodiċi Kriminali Malti ma jagħtix definizzjoni tar-reat ta' serq. Il-ġurisprudenza prevalenti dejjem straħet fuq id-definizzjoni ta' serq elaborata mill-ġurista Francesco Carrara li tgħid li s-serq huwa t-teħid doluż ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwistat b'mod malizzjuż bil-għan li jsir il-qliegħ. Din id-definizzjoni tiġbor fiha ħames elementi li neċessarjament iridu jiġu ppruvati sabiex jiġi meqjuż integrat ir-reat tas-serq. Dawn huma : -

i. La contrettazione
ii. Dolosa
iii. Di cosa altrui
iv. Fatta invito domino
v. Con animo di farne lucro

36. Hekk ġie ritenut fost oħrajn, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Godwin Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar l-20 ta' Novembru 1998:

> Kif inhu risaput, fil-ġurisprudenza tagħna, dejjem ġie ritenut li s-serq jikkonsisti fil-kontrattazzjoni doluża tal-ħaġa ta' ħaddieħor, magħmula invito domino bi skop ta' lukru.
>
> Ikun inutli li wieħed jiċċita mil-liġi Ingliża viġenti dwar is-serq peress li n-nozzjoni tagħna tas-serq hi kompletament differenti minn dik Ingliża.

37. Hekk ingħad ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell **Il-Pulizija vs. John Galea u Paul Galea** deċiża nhar it-30 ta' Jannar 2003:

> Ghalhekk jirrikorru ndubbjament l-erba elementi l-ohra tar-reat ta' serq u cioe' dawk tal- "Contrectatio dolosa della cosa altrui , fatta invito domino" li jifformaw parti mid-definizzjoni klassika tal-CARRARA [Programma , Parte

> Speciale , Vol. IV, para.2017] u li giet addottata kostantement mill-Qrati taghna [ara 'Pulizija vs. Mario Tanti et.' App. Krim. 9.12.1944 , 'Pulizija vs. Carmelo Felice ', App. Krim. 10.1.1942 u ohrajn]. Li qed jigi ikkontestat mill-appellanti hu proprju il-hames element u cioe' dak li l-Carrara jidentifika bhala "l'animo di farne lucro" , jew l-"animus furandi"

38. L-appellat ma xehedx f'dawn il-proċeduri iżda rrilaxxja stqarrija mal-Pulizija nhar it-8 ta Settembru 2020 **<u>wara li kkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu</u>.** L-appellat qatt ma jidher li kkontesta l-valur probatorju ta' din l-istqarrija li rrilaxxja mal-Pulizija u għaldaqstant din il-Qorti tqisha valida skont il-Liġi. Dwar dan il-punt, il-Qorti Kriminali fid-deċiżjoni preliminari fl-atti tal-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ismael Habesh u Faical Mahouachi** deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2020, wara li għamlet analiżi approfondita ta' diversi każijiet li jitrattaw xi punti legali marbutin mat-teħid tal-istqarrija u d-dritt tal-assistenza legali, qalet ukoll hekk :-

> 58.Meta ġie biex jiġi mitkellem mill-Pulizija huwa mhux biss ġie mogħti l-jedd li jikkomunika mal-avukat tal-fiduċja tiegħu qabel jiġi mitkellem – skont il-Liġi viġenti dak iż-żmien – iżda wkoll ġie mwissi bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket iżda li dak li jgħid jitniżżel bil-miktub u li jinġieb bi prova.
>
> 59.Ma jirriżultax li f'dan il-każ l-Pulizija akkwistaw evidenza kontra l-Liġi u t-teħid ta' dawn l-istqarrijiet sar regolarment skont il-Liġi viġenti f'dak iż-żmien. Di piu' ma jirriżultax li l-appellant qajjem, in limine litis, xi lment dwar il-mod ta' kif tali stqarrijiet ġew meħuda mill-Pulizija jew xi irregolaritajiet jew abbużi minnhom matul itteħid tal-istess.

39. L-appellat jgħid li l-intenzjoni tiegħu kienet li jsiefer lejn il-Belġju mat-tifla tiegħu u li l-biljetti **<u>għalih u għal bintu</u>** kienet qatatgħomlu Nezha mill-Ajruport ta' Malta fuq struzzjonijiet tiegħu wara li hu kien taha l-visa tiegħu għal dan il-għan. Għad-domanda tal-Pulizija jekk dakinhar tat-13 t'Awissu 2020 Nezha kienetx ġiet l-ajurport (allura) sabiex tagħtieh dawn il-biljetti li kienet qatgħetlu u d-dokumenti, huwa jwieġeb 'Ija'. Huwa jgħid li kien dakinhar li kien se jsiefer mat-

tifla u preċiżament fil-mument li kien l-ajruport, li Nezha qatlu li kienet sejra magħhom u hu kien ħaseb li kienet marret l-ajruport sabiex **‘‘tgħidli bye u ġiet bil-bagalja tas-safar tagħha. Jien għedtilha ‘fejn int sejra bil-bagalja?’ Qaltli jien ġejja magħkhom u sifirna Brussels bl-Air Malta.’’** Għaldaqstant, fi kliem l-appellat, huwa kien sorpriż bil-fatt li ra’ lil Nezha ġejja bil-bagalja u ma kienx qiegħed jistenna li din issiefer magħhom.

40. Pero’ fl-istess nifs din il-Qorti tirrileva li huwa jgħid kif il-prenotazzjoni tal-lukanda li kien sejjer joqgħod fiha l-Belġju, għall-ewwel lejl biss, saret minn Malta u li qatagħhom hu minn fuq ‘google’ **<u>għal tlieta min-nies</u>** : -

> M: Fejn kont ħa toqgħod ġewwa l-Belgium? U min qata’ it-tickets tal-Lukanda?
> T: L-ewwel lejl kont ha noqgħod Brussels. Il-booking tal-ewwel lejl kien sar minn Malta imbagħad naqta’ t-tickets minn hemm.
> **M: Dakinhar stess li qtajt it-tickets tal-ajru, qtajt it-tickets tal-lukanda?**
> **T: Minix ċert imma naħseb wara.**
> M: X’website użajt biex taqta’ t-tickets tal-Hotel?
> T: Ma nafx eżatt. Naf li dħalt google.
> M:X’jisimha l-hotel li qtajt?
> T: Għandi miktub fuq il-mobile imma ma niftakarx bl-eżatt.
> **M: Il-booking tal-lukanda tal-ewwel lejl sar għalihom it-tlieta?**
> **T: Iva għalina t-tlieta sar.**[12]

41. Huwa minnu li ma jirriżultax meta saret din il-prenotazzjoni tal-lukanda u ċjoe jekk saritx dakinhar li sar jaf li kienet sejra Nezha magħhom jew xi żmien qabel iżda meta mistoqsi mill-Pulizija f’dan is-sens huwa ma jsemmix li l-prenotazzjoni saret dakinhar tat-13 ta’ Awissu 2020 imma jgħid li saret **<u>wara li kienu nqatgħu l-biljetti tal-ajru</u>**. Issa minn din ir-risposta tal-appellat din il-Qorti tislet is-segwenti kunsiderazzjonijiet :

---

[12] Enfasi ta’ din il-Qorti.

i) tinnota s-sekwenza tal-fatti kif irrakkontati mill-appellat u ċjoe' li l-ewwel inqatgħu l-biljetti tal-ajru u li wara saret il-prenotazzjoni tal-ewwel lejl f'lukanda fi Brussell; u

ii) il-prenotazzjoni tal-lukanda saret għal **<u>tlieta min-nies</u>**.

42. Li kieku l-provi tal-partijiet kienu jwaslu biss sa dan il-punt, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet kienet ġustifikata li tqis li l-Prosekuzzjoni ma resqitx provi diretti u/jew indiretti li jwasluha tikkonkludi li hemm dubju dettat mir-raġuni dwar it-teżi tal-Prosekuzzjoni. Iżda minbarra l-istqarrija tal-appellat dik il-Qorti kellha wkoll ix-xiehda ta' Nezha Doghmi. Grazzi għax-xiehda ta' Nezha Doghmi fuq naħa u l-istqarrija tal-appellat fuq in-naħa l-oħra, moqrija fid-dawl ta' dak li ġie kwerelat lil Pulizija (bid-dovut rigward għar-regola tal-hearsay evidence) din il-Qorti jidhrilha li meta tqis il-provi kollha – jirriżulta li l-Avukat Ġenerali għandha raġun fit-teżi Prosekutorja tagħha. Din il-Qorti tagħmel riferenza għall-kawża kriminali **Ir-Reġina vs. George Terreni** tas-6 t'Awissu 1956 fejn Terreni kien ġie misjub ħati tal-qtil ta' Toninu Aquilina in bażi, tista' tgħid biss, għal evidenza ċirkostanzjali. Hekk ukoll f'dan il-każ.

43. Dan peress li hemm sett ta' fatti li meta jittieħdu flimkien u jiġu mgħarbla mir-regoli proċedurali u dawk tal-buon sens, ma jistax ikun, anke fuq il-bażi tal-probabbli li l-affarijiet ġraw eżattament kif prospettat mid-Difiża f'dan il-każ. Uħud mill-fatti riżultanti huma s-segwenti : l-appellat u Nezha Doghmi kellhom relazzjoni adultera klandestina. Riedu jsiefru flimkien. Doghmi ma kellhiex passport jew dokument tal-ivjaġġjar tagħha. L-appellat kien jaf li martu kellha passaport. Doghmi siefret mal-appellat, u għamlet użu mill-passaport ta' mart l-appellat! Waslu l-Belġju flimkien ma bint l-

appellat. L-appellat ġie arrestat. L-appellat u Nezha Doghmi tkelmu bejniethom qabel ma l-appellat kien ġie miġjub f'Malta fuq mandat t'arrest Ewropew. L-appellat jgħid li Nezha serqet il-passaport ta' martu mill-karozza tiegħu. Nezha Doghmi tgħid li hi serqet il-passaport tal-mara tal-appellat mill-karozza tal-appellat. Biss il-fatt li jgħidu li Nezha serqet dawn il-passaporti mill-vettura tal-appellat ma jfissirx li realment seħħ hekk. Anzi din il-Qorti tqis din it-teżi mhux probabbli għal diversi raġunijiet.

44. Imbagħad meta l-Qorti tqis il-kumplament tal-provi ċirkostanzjali tasal għal konklużjoni li ladarba l-appellat kellu aċċess għall-passaporti tiegħu, ta' martu u ta' bintu; dawn kienu dokumenti importanti ħafna li ma huwa impensabbli li jiġu verament miżmuma; l-appellat kien jaf li Nezha ma kellhiex dokumenti biex tkun tista' ssiefer bihom; u effettivament il-passaport tal-mara tal-appellat spiċċa f'idejn Nezha tant li din siefret b'dak id-dokument li kien maħruġ f'isem u jġib ir-ritratt ta' mart l-appellat, it-teżi tal-Prosekuzzjoni mhux biss hija aktar verosimili, iżda hija l-unika waħda raġonevolment aċċettabbli bil-buon sens, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

45. In segwitu ta' dawn l-osservazzjonijiet din il-Qorti tistaqsi kemm hi verosimili allura l-verżjoni tal-appellat li Nezha - mibgħuta minnu - qatgħet **<u>żewġ biljetti tal-arju biss</u>** u ċjoe' għalih u għal bintu iżda mbagħad **<u>wara</u>** saret prenotazzjoni ġewwa lukanda **<u>għal tlieta min-nies?</u>** Anki jekk għall-grazzja tal-argument din il-Qorti kellha tqis l-ipoteżi li l-prenotazzjoni tal-lukanda għal tlieta min-nies kienet saret dakinhar tat-13 t'Awissu 2020 malli Nezha kienet uriet ix-xewqa tagħha li ssiefer mal-appellat u ma' bintu, il-bwon sens

jiddetta li t-teżi li l-prenotazzjoni għal tlieta minn nies saret waqt li qegħdin jistennew fl-ajruport – f'kuntest fejn skont l-istqarrija tal-appellant stess huwa kien sejjer isiefer ma bintu biss u mhux ma Nezha wkoll – ma titwemminx.

46. Aktar minn hekk l-appellat fl-ebda ħin ma jgħid li saru żewġ prenotazzjonijiet separati tal-lukanda fis-sens illi l-ewwel kellu prenotazzjoni għalih u għal bintu (peress li skont hu l-intenzjoni kienet dik li jsiefer ma' bintu biss) u li mbagħad żied prenotazzjoni oħra malli sar jaf li Nezha kienet sejra tissieħeb magħhom f'din il-vaganza; anzi fl-istqarrija tiegħu huwa dejjem sostna li l-prenotazzjoni għall-ewwel lejl saret għal tlieta min-nies. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li diffiċli li l-appellat jitwemmen **<u>meta jgħid li ma kienx jaf li Nezha kienet sejra ssiefer magħhom.</u>**

47. Il-kwistjoni kollha tibqa' jekk kienx huwa li seraq il-passaport tal-mara tiegħu sabiex jippermetti lil Nezha ssiefer bih jew jekk għandhiex mis-sewwa l-verżjoni tal-appellat (u ta' Nezha Doghmi) li dan il-passaport kien insteraq mill-vettura tiegħu minn Nezha Doghmi stess. L-appellat jiċħad li qatt kien hemm xi forma ta' ftehim bejnu u bejn Nehza li din tal-aħħar tinqeda bil-passaport tal-mara tiegħu sabiex isiefru flimkien. Anzi, fuq domanda tal-Ispettur f'paġna 11 tal-istqarrija tiegħu, l-appellat iżid jgħid hekk : -

> M: Nezha ġieli kienet qaltlek li tixtieq issiefer miegħek?
> T: Le.

48. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel referenza għal żewġ estratti mill-istqarrija tal-appellat: F'paġna 10 tal-istqarrija tiegħu jgħid hekk :-

M: Ma indunajtx li l-passaport li kellha Nezha kien tal-mara tiegħek, jekk il-passaport tal-mara tiegħek dejjem kien fil-pussess tiegħek?
T: Le, u Nezha hekk **ħa tgħid hekk il-Qorti.**[13]

49. F'paġna 12 tal-istqarrija tiegħu mbagħad jerġa' jgħid hekk :-

M: Trid iżżid xi ħaġa ma' li għidna?
T: **Nezha ħa tiġi Malta u fil-Qorti ħa tgħid li l-passaport ħaditu hi mill-karozza**[14] tiegħi. Jien naf li ħa tgħid hekk għax kemm domt il-Belgium u kont għamilt kuntatt ma' Nezha...

50. L-appellat ripetutament jisħaq fuq il-fatt li Nezha kienet sejra tgħid li l-passaport ħaditu hi minn ġewwa l-vettura tiegħu **u dan qalu fi stadju qabel mal-proċeduri bdew fil-Qorti u effettivament sema' x'kellha xi tgħid Nezha fuq il-mertu tal-każ**. Dan il-kliem lil din il-Qorti jinkwetaha mhux ftit għaliex juri li kien hemm xi forma ta' ftehim bejn l-appellat u Nezha fuq x'verżjoni ta' fatti għandha tingħata lill-awtoritajiet Maltin bħalma ma jiġri meta żewġ persuni jkunu jridu jassikuraw ruħhom minn qabel li jaqblu fil-verżjoni ta' fatti li jkunu sejrin jagħtu separatament, **bħalma jiġri f'sitwazzjoni fejn il-persuni nvoluti ma jkunux qiegħdin jgħidu l-verita'.**

51. Din il-Qorti jidhrilha li meta persuna tkun sejra tixhed il-verita u l-verita kollha, ma jkollhiex għalfejn tiftiehem minn qabel dwar x'verżjoni ta' fatti sejra tingħata - kemm jekk din il-verżjoni tingħata lill-Pulizija kif ukoll jekk din tkun sejra tingħata b'ġurament quddiem il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali.

52. L-appellat jgħid li l-passaporti tiegħu, tat-tifla u tal-mara dejjem kien iżommhom ġewwa l-vettura tiegħu u li Nezha serqithom minn hemm. L-ewwel jgħid 'serqithomli', imbagħad jgħid li hija serqet biss

[13] Enfasi ta' din il-Qorti .
[14] Enfasi ta' din il-Qorti.

dak tal-mara. Issa skont ma jirriżulta mill-NPS Report esebit a foljo 7 tal-atti proċesswali dawn il-passaporti mhux minnu li kienu jinżammu ġewwa l-vettura tal-appellat għaliex Asraa tgħid li ttieħdu minn ġewwa r-residenza tagħhom. Biss, hekk kif intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Andrew Pace** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2014, ir-rapport huwa biss prova ta' dak li kiteb is-surġent u mhux tal-kontenut tiegħu. Dan ma jfissirx pero' li l-Qorti ma tistax tevalwa dak li ntqal fil-NPS report u tikkunsidrah fil-kuntest aktar wiesgħa tal-provi l-oħra li jkunu tressqu quddiemha.

53. L-appellat jgħid li kien diffiċli li huwa jinduna li kellu l-passaport tal-mara tiegħu nieqes għaliex dawn kienu jinżammu f'basket li kellu ħafna karti fih taħt is-seat tal-karozza tiegħu. Biss din il-verżjoni tal-appellat qajla tista' titwemmen. Din il-Qorti ssibha bi tqila temmen li l-appellat, minn tant postijiet sikuri li setgħa kellu, kien jagħżel li jerfa' l-passaporti tiegħu, ta' martu u ta' bintu fil-karozza meta dawn id-dokumenti kienu wħud mill-aktar dokumenti importanti li setgħa kellu l-appellat li kien f'pajjiż barrani għalih u li kien tah l-istatus ta' refuġjat. Kemm jista' jitwemmen meta jgħid li dokumenti tant importanti kien iżommhom f'post daqstant insikur bħal ma kienet karozza – post suġġett għall-elementi u faċilment jista' jinsteraq?

54. Apparti minn hekk l-appellat jgħid li dawn il-passaporti kienu jinżammu minnu taħt is-seat tal-karozza tiegħu. Iżda ma jispjegax kif Nezha saret taf li huwa kien iżomm dawn il-passaporti taħt is-seat tal-karozza tiegħu. U jekk verament kien iżommhom hemm, kif jista' jkun li Nezha sabithom taħt is-seat tal-karozza tiegħu u jirnexxielha tqallab fil-basket kollu karti u tieħu l-passaport ta' martu mingħajr ma huwa jinduna? L-appellat qatt ma jsemmi li Nezha kienet f'xi

mument waħidha fil-vettura tiegħu.  Għalhekk din il-Qorti terġa tistaqsi jekk għall-grazzja tal-argument, dawn il-passaporti kienu verament qegħdin fil-karozza tal-appellat f'basket li kellu ħafna karti fih kemm kemm kienet plawsibbli l-verżjoni li Nezha serqet dawn il-passaporti **<u>minn taħt għajnejn l-appellat meta hu kien ġewwa l-vettura tiegħu?</u>** F'paġna 12 tal-istqarrija jgħid li dawk id-dokumenti kienu nsterqu minnha meta din 'rikbet **<u>miegħi</u>** fil-karozza'.

55. Din il-Qorti tqis li hija iktar verosimili li dokumenti ta' din il-portata u importanza jkunu miżmuma f'post sikur ġewwa r-residenza ta' dak li jkun.  L-istorja li dawn ittieħdu mill-vettura tal-appellat minn Nezha ma titwemminx.  Fil-fatt l-anqas il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma emnitha.  Din il-Qorti tqisha li din kienet biss fabrikazzjoni sabiex tiġi kontraddetta t-teżi tal-Prosekuzzjoni li dawn ittieħdu mill-appellat mir-residenza li hu kien joqgħod fiha mal-mara tiegħu. U kien għalhekk li hu u Nezha kienu ftehmu fuq il-verżjoni li Nezha kellha tgħid quddiem il-Qorti meta din tiġi msejħa sabiex tagħti x-xhieda tagħha.  Il-fatt li Nezha kienet sejra tgħid li hija kienet serqithom mill-karozza ma jfissirx li verament Nezha serqithom mill-karozza.

56. Iżda aktar minn hekk, huwa veru wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha sitwazzjoni fejn fl-aħħar mill-aħħar Nezha kienet ser tieħu l-pedana tax-xiehda u li kienet ser tixhed quddiem il-Qorti.  Biss anke hawn, li kieku x-xiehda ta' Nezha Doghmi kienet kredibbli u verosimili allura setgħa kien il-każ li l-Qorti kienet temminha l-verżjoni tagħha.  Iżda dan bl-aktar mod ċar ma kienx il-każ.  La l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-anqas din il-Qorti ma temmen dak li qalet Nezha Doghmi li serqet il-passaport ta' mart l-appellat mill-karozza tiegħu – u dan anke minħabba l-fatt li x-xiehda

ta' Nezha u l-istqarrija tal-appellat fuq l-affarijiet l-oħra ma jaqblux fuq diversi punti importanti dwar kif żvolġew il-fatti ta dan il-każ.

57. Meta Nehza Doghmi telgħet tixhed, mingħajr ma kienet għadha ġiet mistoqsija, meta ħadd ma kien għadu qallha fuq xiex kienet mitluba twieġeb, hija mill-ewwel ippreċipitat ruħha għal dak li jidher li kienet programmata minn qabel li tgħid quddiem il-Qorti :-

> Traduttur: Hi ħa tixhed jiġifieri fuq id-dokumenti li ħadithom hi u ma ħadhomx is-Sinjur.
> Avv. Mario Mifsud: Tini naqra ċans. Ħa nibdew biċċa biċċa.

58. Din l-imġieba tax-xhud fuq il-pedana li bħal donnha riedet mal-ħaġra t-tajn mill-ewwel tmur fuq l-offensiva u tiskopla lill-appellat anke meta kienet għadha l-anqas biss ġiet imqegħda l-mistoqsija lilha tkompli ssaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti li kif intqal iktar 'il fuq, l-appellat u Nezha kienu miftehmin minn qabel x'verżjoni Nezha kellha tgħid jekk tkun mistoqsija fil-Qorti fuq dak li kellu x'jaqsam mal-passaport il-misruq. Hija kompliet b'ċertu insistenza tgħid hekk f'paġna 40 tax-xhieda tagħha :-

> Avv. Mario Mifsud: Ħa nibdew biċċa biċċa. Id-dokumenti li qed issemmi inti dawk min ħadħom mill-karozza?
> Traduttur: Jien ħadthom.
> Avv. Mario Mifsud: U l-idea li teħodhom mill-karozza min tahilek?
> Traduttur: Minn moħħi jiġifieri waħdi ma qalli ħadd.

59. Issa, din il-Qorti għarblet sew ix-xhieda ta' Nezha Doghmi u kkonfrontatha wkoll ma' dak li qal l-appellat fl-istqarrija li huwa rrilaxxja mal-Pulizija b'dana illi tirrileva kif huma notevoli l-kontradizzjonijiet li hemm bejn iż-żewġ verżjonijiet. Effettivament, din il-Qorti tqis li l-appellat u Nezha qablu biss fuq dak li ftehmu minn qabel illi kellhom jgħidu fir-rigward tal-passaport il-misruq u ċjoe' fir-

rigward ta' kif passaport ta' ħaddieħor sab ruħu f'idejhom. Din il-Qorti tirrileva s-segwenti : -

i) F'paġna 41 tax-xhieda tagħha Nezha tgħid ''kellna intenzjoni'' b'referenza għad-domanda magħmula mill-Avukat Difensur ta' jekk kellhomx intenzjoni li jiġu lura Malta. Hija tgħid ukoll ''Fil-fatt kellna anke r-return ticket biex niġu lura''. Din il-Qorti tistaqsi jekk l-appellat jgħid li l-biljetti tal-ajru nqatgħu għalih u għal bintu biss u mhux ukoll għal Nezha kif hawnhekk Nezha xehdet li **anke r-return ticket kellhom – it-tlieta li huma**? Kif hawnhekk Nezha qiegħda tinkludi lilha nnifisha fid-deċiżjoni li l-appellat u bintu jiġu lura lejn Malta wara li jsiefru? Il-mod kif xehdet ix-xhud hija prova li mhux minnu li hija marret għall-għarrieda biex ittih surprise, iżda li din kienet parti mill-pjan li kellhom li jsiefru flimkien. U għalhekk il-fatt li kienet saret prenotazzjoni waħda f'lukanda fi Brussell għal tlieta min-nies u mhux għal tnejn sa mill-bidu nett kienet aktar verosimili. Mhux minnu għalhekk li l-appellat ma kienx jaf li Nezha kienet se ssiefer magħhom u li kienet sorpriża għalih u lanqas ma hu jgħid il-verita' meta jgħid li Nezha qatgħet il-biljetti għalih u għal bintu biss.

ii) Tgħid li ħadet il-credit card tal-appellat bil-moħbi biex taqta' l-biljetti tal-ajru filwaqt li l-appellat jgħid li huwa stess tahielha biex taqtalu l-biljetti għalih u għal bintu biss. Hawnhekk il-Qorti tistaqsi jekk kienu miftehmin minn qabel li jaqtgħu anki r-return tickets kif tgħid li qatgħet il-biljetti tal-ajru bil-moħbi? Jekk kienu miftehmin allura fuq data ta' ritorn u hija stess fi-tieni linja tal-folja 41 tax-xhieda tagħha li tgħid ċar u tond li dik tad-dati tas-safar kienet deċiżjoni li ttieħdet flimkien.

iii) L-appellat jgħid li Nezha ħaditlu biss il-passaport tal-mara u mhux ukoll tiegħu u tat-tifla iżda Nezha tixhed f'paġna 42 tax-xhieda tagħha li ħadithom it-tlieta li huma. Hawnhekk anki jekk għal grazzja tal-argument din il-Qorti kellha temmen li Nezha kienet dik li serqet il-passaporti kif qiegħda tgħid hi u ċjoe mill-vettura tal-appellat, tistaqsi jekk riedet issiefer hija x'kellha x'bżonn tieħu wkoll dak tal-appellat u ta' bintu? Ta' martu kien biżżejjed sabiex twettaq il-pjan tagħha.

iv) Nezha tgħid li qaltlu bis-sorpriża li kellhom isiefru t-tlieta li huma dakinhar li mar għandha filgħodu u allura mhux l-ajruport. L-appellat jgħid li sar jaf li Nezha kienet se ssiefer magħhom meta raha l-ajruport fejn huwa ħaseb li kienet marret sabiex iselmilhom qabel isiefru hu u t-tifla. In oltre, l-appellat jgħid li kien ippjanat li jsiefer mat-tifla u ma jsemmix li dan il-vjaġġ kienet sorpriża ppjanta minn Nezha. Li kieku s-safra kienet sorpriża kien se jatieha l-visa sabiex taqtalu l-biljetti tal-ajru? Li kieku l-vjaġġ kien sorpriża kif qiegħda tgħid Nezha, ibbukja lukanda għal tlett min-nies hu stess minn fuq 'google'? Li kieku kienet sorpriża kif Nezha tgħid li **<u>kellhom</u>** l-intenzjoni li jirritornaw lura Malta?

v) Anki għal dak li għandu x'jaqsam mal-prenotazzjoni tal-lukanda ma qablux fil-verżjonijiet li taw. L-appellat jgħid li kien hu li għamel il-prenotazzjoni minn fuq il-'google' iżda Nezha tgħid li kienet hi li għamlitha għaliex l-appellat ma jifhimx bl-Ingliż.

60. Dawn il-kontradizzjonijiet bejn il-verżjoni tal-wieħed u tal-oħra huma evidenza ċara ta' tnejn min-nies li mhux qiegħdin jgħidu l-verita għaliex il-verita' hija waħda li ddaħħalhom fl-inwkiet. Dan l-

inkwiet jikkonsisti fil-fatt li jirriżulta ċar li l-passaport ta' mart l-appellat ġie meħud mill-appellat li kellu aċċess għal fejn dan id-dokument kien verosimilment ikun miżmum - minn ġewwa r-residenza tiegħu u ta' martu. L-iskop li jkollu dak il-passaport f'idejh kien ċar ukoll minn kliem Nezha stess li tammetti li hi ma kellhiex dokumenti biex tkun tista' ssiefer. Għalkemm huwa minnu li f'dan il-każ l-evidenza diretta ta' mart l-appellat kienet nieqsa, xorta jibqa' l-fatt li l-evidenza ċirkostanzjali li ġiet prodotta – grazzi wkoll għall-verżjonijiet mogħtija mill-appellat fl-istqarrija tiegħu magħquda max-xiehda ta' Nezha Doghmi u b'mod partikolari grazzi għall-kontradizzjonijiet li hemm fiż-żewġ verżjonijiet li jaqblu biss (u anke mhux fuq kollox) fuq il-punt li Nezha Doghmi suppost serqet dan il-passaport (tal-mara tal-appellat biss jew tat-tlieta li huma?) mill-vettura tal-appellat, tikkonvinċi lil din il-Qorti li l-verita f'dan il-każ kienet waħda u waħda biss u li kienet dik murija mill-evidenza ċirkostanzjali preżentata u mhux minn konġetturi jew supposizzjonijiet. Dan huwa wkoll każ fejn din il-Qorti setgħet ukoll, fid-dawl ta' din l-evidenza ċirkostanzjali imsemmija tapplika wkoll l-artikolu 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta applikabbli għall-kamp penali grazzi għall-artikolu 520(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li l-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra. Fil-fatt dak rapurtat fl-NPS a fol 7 f'dan il-każ jakkwista

ċerta importanza meta jitqies fl-assjem tal-provi kollha mresqa f'dan il-każ.[15]

61. Għal dak li jirrigwarda l-kwalifika tal-lok, id-dispożizzjoni tal-Liġi applikabbli hija dik preskritta fl-Artikolu 269(g) tal-Kodiċi Kriminali li tikkwalifika s-serq bil-lok meta dan iseħħ **f'dar** ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li s-serq ta' passaport raġonevolment seħħ **mid-**dar t'abitazzjoni tal-vitma tas-serq ukoll. Il-Qorti temmen li hemmhekk kien ikun miżmum il-passport u mhux fil-vettura tal-appellat.

62. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li f'dan l-isfond probatorju li l-Avukat Ġenerali għandha raġun fl-ilment imressaq minnha fl-appell de quo. Il-Qorti qiegħda għalhekk tilqa' l-aggravju tal-Avukat Ġenerali.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha biss f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni ta' serq aggravat bil-lok u minflok issib lill-appellat ħati tat-tieni imputazzjoni tas-serq

[15] Fattur li jinkwieta din il-Qorti bil-kbir huwa l-fatt li indipendentement mill-azzjoni tal-appellat u ta' Nezha Doghmi, jirriżulta ampjament pruvat li Nezha siefret bil-passaport ta' mart l-appellat. Sakemm ma hemmx somiljanza kbira bejn dawn iż-żewġ nisa din il-Qorti tiskanta kif Nezha irnexxielha teludi l-kontrolli tal-Awtoritajiet preposti mill-ivverifikar tal-identita tal-persuni li jivjaġġjaw lil hinn u lejn dan il-pajjiż. F'dan il-każ Nezha siefret bil-passaport ta' mart l-appellant għal dak li dehret li kienet avventura adultera mal-appellat. F'każijiet oħra persuna bħal Nezha setgħet taqbad ajruplan għal għanijiet ferm aktar gravi u qerrieda minn hekk. Il-Qorti tissolleċita lill-Awtoritajiet tal-Immigrazzjoni sabiex ikunu viġilanti għal nies li jsirfru b'dokumenti ta' ħaddieħor u li jistgħu jkunu ferm aktar malintenzjonati. Għal dan il-għan il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni.

kwalifikat bil-lok u tikkundannah għal piena fil-minimu jiġifieri ta' seba' xhur priġunerija. Altrimenti, safejn mhux mibdul b'din is-sentenza, tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**